## *Kun Konxju…Żomm bogħod mill-periklu!*

L-Iskola San Benedittu Sekondarja Subien hija waħda fost is-seba' skejjel Maltin (Statali, Indipendenti u tal-Knisja) li ġiet magħżula sabiex tipparteċipa fil-proġett Ewropew **Shape-Up**, flimkien ma' 26 pajjiż Ewropew iehor. B'hekk, f'dawn it-tliet snin li ġejjin, ser inkunu qegħdin nikkonċentraw aktar fuq l-importanza ta' ikel san u nutrittiv għal dieta bilanċjata, kif ukoll fuq il-benefiċċju ta' ħajja attiva, permezz ta' eżerċizzju fiżiku.



Meta wieħed jikkunsidra kemm f'din l-iskola dawn iż-żewġ aspetti jingħataw importanza, allura ma qgħadniex naħsbuha darbtejn biex naċċettaw u nidħlu għal din l-isfida. Matul ix-xahar li għadda l-kumitat ta' dan il-proġett (magħmul minn membru ta' l-amministrazzjoni, għalliema, student u ġenitur) kien mistieden jattendi għall-inawgurazzjoni tal-proġett bil-għan li jingħata l-informazzjoni meħtieġa.

L-istudent Russell Farrugia (membru tal-kumitat) intgħażel biex dak in-nhar jagħti preżentazzjoni sabiex jaqsam l-esperjenzi tiegħu f'żewġ skejjel (P.P Saydon u Kulleġġ San Benedittu) li ħaddnu l-importanza ta' ikel san u sustanzjuż flimkien ma' eżerċizzju fiżiku – l-istess temi li fuqhom qiegħed jiffoka l-proġett Shape-up.

Sadanittant, għat-tieni sena konsekuttiva, żewġ klassijiet tat-tieni sena ingħataw l-opportunita' li jżuru l-Health & Safety Expo 2006 f'lukanda l-Furjana, esibizzjoni mmirata fuq aspetti varji ta' Sahha u Sigurta'. Bit-tema 'Kun Konxju…Żomm bogħod mill-periklu…' numru ta' studenti mill-iskola, bil-għajnuna ta' l-għalliema tagħhom, ħadmu fuq proġetti differenti marbuta mas-sillabi tas-suġġetti li jistudjaw, sabiex iwasslu messaġġi marbuta mas-Saħħa u s-Sigurta', b'modi diversi għal din il-kampanja edukattiva.

*G. Micallef & R. Zammit*

# L-istaff kollu jixtieqilkom il-Milied u s-sena t-tajba



# Kuntatt

### …ma' l-iskola t'ibnek

Diċembru 2006

## *X'se npoġġu fil-lista tas-sena l-ġdida*

Ftit tal-ġranet oħra u l-iskejjel jieqfu għall-vaganzi tal-Milied. Dan ifisser li ġimgħa wara ġimgħa diġà għaddejna flimkien ftit iktar minn xahrejn. Ikun tajjeb li aħna, flimkien magħkom u ma' wliedkom, nieqfu u nistaqsu lilna nfusna x'ġid sar f'dan iż-żmien. X'seta' sar aħjar? X'hemm bżonn isir biex matul il-tieni term joħroġ aktar ġid?

Fl-istess ħin ikun tajjeb li lkoll kemm aħna nidħlu fl-ispirtu tal-Milied u ngawdu ftit ġranet ta' mistrieħ mal-familji tagħna. Imma tul dawn il-ġranet irridu nirriflettu biex is-sena li ġejja nagħmlu l-almu tagħna ħalli nkunu aħjar.

Niftakar li meta konna għadna tfal, bħal daż-żmien, il-ġenituri u l-għalliema tagħna kienu jħeġġuna biex niktbu lista b'affarijiet li nwiegħdu li se nagħmlu fis-sena l-ġdida. Min jaf kemm ktibna li għandna nobdu aktar lill-ġenituri u lill-għalliema tagħna! Imma llum, il-ġenituri u l-għalliema huma aħna. X'se nwiegħdu li se nwettqu fis-sena li ġejja? Jien m'għandix dubju li fuqnett tal-lista twila tagħna se npoġġu l-ġid ta' wliedna! Kieku l-prijorita` tagħna lkoll tkun sempliċiment li nagħtu aktar attenzjoni u ħin ta' kwalita` lil uliedna, naħseb ikun l-aqwa bidu li jista' jkollna għal sena ġdida.

F'ismi u f'isem l-iskola kollha nawguralkom Milied kollu barka u sena mimlija saħħa u ġid.

*J. Micallef*

Kap ta' l-Iskola

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal

## *Il-Milied it-tajjeb!*

Kif jgħaddi ż-żmien! Kemm ilna li ċċelebrajna l-bidu tas-sena 2006? U issa diġa` wasalna biex nagħlquha. Veru li, kif jgħidu, iż-żmien itir! U f'dan iż-żmien kemm nilħqu nagħmlu affarijiet ? Kultant tassew li jkollok tagħmel il-mirakli. Imma biex inlaħħqu ma' din l-għaġla kollha, max-xogħol, mal-problemi, ikollna nisimgħu l-ilħna kollha u sikwit ninsew il-leħen tal-qalb tagħna.

U fil-Milied, it-twelid ta' din it-tarbija bl-isem ta' Ġesu`, il-biki tagħha donnu jerġa' jfakkarna li fil-ħajja tagħna għandna ħwejjeġ oħra x'nagħtu kas, u li huma l-prijorita`. Ejjew nikkompetu bejnietna biex flok inżejnu l-aħjar tieqa jew gallarija, inżejnu lil qalbna bl-imħabba, bit-tama, bil-ferħ.

Għażiż qarrej, aħna nawguraw lilek u lil tad-dar Milied hieni u sena kollha ġid. J'Alla nibqgħu naħdmu flimkien biex lil uliedna nwassluhom flimkien fit-triq ta' l-hena, ta' l-imħabba u tat-tagħlim.

**Bord Editorjali**: *D. Agius Muscat, P. Callus, G. Micallef, M. Zahra Sacco*
**Disinn**: *R. Mamo, D. Parnis*

## *SPIKY SCOOPS*

Il-kelma Scoops ġejja minn zewġ kelmiet –*School Cooperative.* Scoops hija l-Koperattiva li tieħu ħsieb il-koperattivi ta' l-iskejjel. Ftit nies jafu x'inhi d-differenza bejn koperattiva u kumpanija u għalhekk fi Spiky Scoop l-istudenti tal-Kulleġġ San Benedittu qegħdin jesperjenzaw x'jiġifieri koperattiva.

F'koperattiva l-membri kollha jkunu ħarġu l-istess ammont ta' flus bħala kapital fil-bidu nett. B'hekk, għalkemm il-membri għandhom rwol differenti, kulħadd jaħdem indaqs. Fil-kumitat insibu li l-*manager* tal-koperattiva Spiky Scoop hija għalliema, filwaqt li l-pożizzjonijiet ta' president, teżorier u segretarju huma okkupati minn studenti tat-3 u tar-4 sena. Spiky Scoop jiltaqgħu fil-brejks ta' nofs in-nhar, kull nhar ta' Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa.

Matul dan ix-xahar Spiky Scoop ħadem fuq numru ta' prodotti għall-Milied u organizza ġurnata Għawdex għall-istudenti tal-Kulleġġ San Benedittu u sħabhom. Matul is-sena Spiky Scoop bi ħsiebu jorganizza xi ħarġiet kulturali u xi attivitajiet ma' Scoops ta' skejjel oħra biex inkomplu nitgħallmu kif inħaddmu flusna u fuq kollox nieħdu gost flimkien!

(Għal aktar tagħrif inħeġġukom taraw is-sit elettroniku ta' l-iskola.)

*C. Elshout*



## *Rokna ta' tagħlim*

Il-Milied beda jinħass ġmielu din is-sena fl-iskola, speċjalment ir-rakkonti ta' l-istudenti dwar kemm beħsiebhom jixxalaw u jiddevertu fil-vaganzi. Saħħa u Sigurta`, mimlija kurżita', xtaqu li jkunu jafu sħabhom x'ser jagħmlu, forsi jieħdu xi ftit ideat għalihom. Għalhekk irħewlha jistaqsu u jitkixxfu, pero ma tantx damu wisq għax malajr skoprew li l-gosti ta' wħud minn sħabhom kienu jinvolvu ħafna tberbieq ta' flus f'xalar mingħajr rażan, ħafna ħin fuq l-Internet u fuq logħob bil-'*Playstation*', ħin twil 'il bogħod mid-dar, sa tard filgħaxijiet, f'postijiet ta' divertiment, kif ukoll konsum mingħajr kontroll ta' ħafna ħlewwiet u xorb alkoħoliku.

"Possibbli, dan huwa l-mod kif qegħdin jgħixu l-Milied l-istudenti tal-lum?", staqsiet Sigurta`.

"Mhux kollha" wieġeb ħuha Saħħa. " Jien naf ħafna studenti li jsibu l-bilanċ u l-kontroll fil-mod kif jiċċelebraw dawn il-festi tal-Milied. B'hekk iżommu 'l bogħod mill-perikli u t-tentazzjonijiet li dawn iż-żminijiet iġibu magħhom. "

"Allura agħtina ftit pariri ħalli nkunu nistgħu naqsmuhom ma' sħabna l-istudenti u nipprattikawhom aħna wkoll! " wieġbet Sigurta`, kurjuża għall-aħħar.

"Iva, idea tajba oħt. Iftaħ widnejk sew u qis dawn il-pariri li ser insemmi:

- Postijiet ta' divertiment immirati għall-adulti mhumiex addattati għalina. Ma ninsewx li dawn ikunu tard filgħaxijiet, meta suppost aħna nkunu diġa` nġbarna d-dar u serraħna moħħ il-familjari. Apparti, dawn iġibu magħhom ħafna abbużi li żgur ma jixirqulniex.
- Dieta bilanċjata għandha tinżamm ukoll f'dawn iż-żminijiet ta' festi, għalhekk ma nesaġerawx fil-ħlewwiet u ma ninsewx li l-alkoħol jikkawża ħafna ħsara fl-iżvilupp fiżiku tagħna. Jekk naqgħu fit-tentazzjoni tal-ħlewwiet, jagħmel tajjeb li npattu ftit bl-eżerċizzju fiżiku minflok ma nqattgħu l-ħin liberu tagħna bilqiegħda.
- U ladarba qed nitkellmu fuq il-ħin liberu, jkun tajjeb li noqogħdu attenti kemm u kif inqattgħu l-ħin quddiem it-televiżjoni, bil-kompjuter jew *Playstation*. Apparti l-ħsara fl-għajnejn, dan jista' jwassal ukoll għal tentazzjonijiet u abbużi, partikolarment bl-użu ta' l-internet.

**U l-Milied tiegħek kemm ser tagħmlu jixbah lil dak ta' Saħħa u Sigurta`?**

**Il-festi t-tajba ħbieb !**

*R. Zammit*

## Il-Ħajja hi sabiħa

Matul Novembru, l-għalliema tal-*Guidance Services* ħadmu ma' l-istudenti tal-Form 4 fuq programm ta' prevenzjoni: **"Il-Ħajja hi Sabiħa…"** L-għan tagħna kien li ngħinu l-istudenti japprezzaw ħajjithom, jgħixuha b'mod sabiħ u b'saħħtu, filwaqt li jżommu 'l bogħod minn dak li jagħmlilhom il-ħsara.

Matul seminar ta' nofs ta' nhar li sar l-iskola stedinna lil Ian Mifsud, għalliem tal-*Guidance* responsabbli mit-tagħlim dwar użu ta' sostanzi projbiti, kif ukoll surġent mill-iskwadra ta' kontra l-vizzji, biex ikellmu lill-istudenti kollha.

Ftit jiem wara, l-istudenti ttieħdu għal ġurnata esperjenza fil-WOW (*Wishing Others Well*) li hija parti mill-proġett tal-Kappella tal-Millennju f'Paceville. Hawnhekk l-istudenti iddiskutew fuq il-benefiċċji ta' l-isport u kif dan iwassal għal ħajja ħielsa mill-użu ta' drogi u vizzji oħra. It-taħdidiet tmexxew minn Fr. Hilary Tagliaferro. Tkellmu wkoll żgħażagħ li fil-passat kienu jagħmlu użu mid-droga u llum qegħdin isegwu programm ta' terapija. Fl-għeluq tal-jum, bl-għajnuna ta' Ruben Baldacchino, għalliem ta' l-Edukazzjoni Fiżika, l-istudenti kellhom ċans jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi fil-grawnds ta' l-universita`.

Il-ġenituri ta' l-istudenti wkoll ġew mistiedna biex ikunu parti minn dan il-programm. Saret laqgħa għalihom fl-iskola, fejn kellna l-ħin niddiskutu magħhom dak li wliedhom għaddejjin minnu f'din l-eta`. Kienet laqgħa tajba ħafna. Jiddispjaċina nosservaw li l-attendenza fqira wriet li xi wħud mill-ġenituri għadhom mhux qed jifhmu l-importanza li għandhom dawn il-laqgħat u kemm isir ġid lil uliedna jekk naħdmu flimkien.
Dan il-programm kollu kien koordinat minn Charles Farrugia għalliem tal-*Guidance* bis-sehem tal-*Guidance Team* kollu.

L-għalliema tal-*Guidance Services*

## Żjara fir-Riserva Naturali ta' Wied Għollieqa

Fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, l-istudenti tax-xjenza tal-klassijiet 1.1, 1.3, 1.4, 1.5, 1.6, u l-1.7 marru jżuru ir-Riserva Naturali ta' Wied Għollieqa, limiti tal-Kappara. L-iskop ta' din il-ħarġa kien li l-istudenti jsiru jafu aktar dwar il-flora u l-fawna li jeżistu fil-gżejjer Maltin. L-istudenti kellhom ukoll l-opportunita li jaraw siġar endemiċi Maltin fl-istat naturali tagħhom waqt li tgħallmu dwar l-importanza biex nibżgħu aktar għall-ambjent naturali ta' madwarna.

*M. Bonavia*



## Let's Adopt An Ecosystem

### Socrates, Comenius 1

« L-ilma fl-Ekoloġija » - Din hi t-tema ta' proġett imniedi mill-iskola tagħna flimkien ma' skola sekondarja mit-Turkija u oħra mil-Latvja. Dan il-proġett huwa parti minn proġett Ewropew magħruf bħala *Comenius* li jippromwovi d-dimensjoni Ewropea fl-iskejjel. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li jgħin lil dawk li qed jgħallmu u jitgħallmu fl-iskejjel biex irawmu sens t'identita` Ewropea u jħossuhom parti minn komunita` li għalkemm fiha ħafna differenzi ta' tradizzjonijiet, kulturi u reliġjonijiet, għandha għeruq komuni.

F'Novembru li għadda, rappreżentanti mit-tliet skejjel f'dan il-proġett iltaqgħu flimkien f' Karaman, it-Turkija. Hawnhekk saru l-ewwel laqgħat ta' tħejjija fejn ġew stabbiliti l-għanijiet ta' dan il-proġett. Minnhom ħareġ li l-istudenti tagħna se jkunu jistgħu jżuru pajjiżi differenti biex filwaqt li japprezzaw l-ambjent ġeografiku, japplikaw l-istudju tax-xjenza u jipprattikaw il-lingwi fost kulturi diversi.

L-iskola tagħna qed tipprepara bil-ħerqa biex tilqa' fostna numru ta' għalliema u studenti minn dawn il-pajjiżi msieħba f'dan il-proġett fl-aħħar ġimgħa ta' Frar li ġej.

*M. Montebello & K. Stagno Navarra*

## Edukazzjoni Fiżika

Nhar l-Erbgħa 22 ta' Novembru sar turnament *5-a-side* għall-istudenti tal-Form 1 u 2. Ħadu sehem 10 timijiet minn skejjel differenti madwar Malta. It-turnament kellu jitkompla nhar l-Erbgħa 29 ta' Novembru peress li kellu jiġi pospost minħabba xita qawwija. It-turnament intrebaħ mill-iskola ta' Kordin JL bit-timijiet ta' l-iskola tagħna jiġu t-tieni u r-raba' post rispettivament. Fl-aħħar tat-turnament l-istudenti ġew preżentati bit-trofej u midalji li ġew ġentilment sponsorizzati minn Sports Experience ta' H'Attard.

Nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Diċembru sar turnament ta' l-atletika bejn erba' skejjel: Antonio Bosio, Gżira, Sir Temi Zammit, Imtarfa, San Franġisk t'Assisi u l-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien. Saru diversi kompetizzjonijiet fejn l-istudenti tal-Kulleġġ San Benedittu ddistingew ruħhom bir-rebħ ta' diversi tlielaq. Il-kompetizzjoni ntrebħet mill-iskola ta' Antonio Bosio segwita mill-Kulleġġ San Benedittu.

# Kalendarju 2006 - 2007

**Diċembru 2006**

| | | |
|---|---|---|
| Diċ | 1 | Laqgħa fuq l-atletika bejn grupp ta' skejjel |
| | 4-5, 7 | Żjara ta' l-istudenti u l-ġenituri tal-Year 6 fl-iskola tagħna |
| | 8 | Vaganza Pubblika – L-Immakulata Kunċizzjoni |
| | 12 | Turnew tal-futbol |
| | 13 | Vaganza Nazzjonali |
| | 18-22 | Ġimgħa ta' attivitajiet għall-Milied |
| | 23 | Bidu tal-vaganzi tal-Milied |

**Jannar 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Jan | 8 | Bidu tat-tieni term |
| | 17 | Seminar ta' nofs ta' nhar ta' l-SDP (għall-għalliema) |
| | 31 | Kampanja kontra t-tipjip |

**Frar 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Frar | 10 | Vaganza pubblika |
| | 9-16 | Eżamijiet ta' nofs is-sena |
| | 19-20 | Vaganzi tal-karnival |
| | 22 | Laqgħa edukattiva mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara |

**Marzu 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mar | 1-30 | Esibizzjoni dwar l-għażla tas-suġġetti |
| | 5-8 | Seminar dwar il-karrieri għall-istudenti tar-raba' sena |
| | 6 | Jum il-Ġenituri |
| | 12-16 | Seminar ta' ġimgħa dwar il-*Home Economics* |
| | 15 | Laqgħa ta' l-SDP wara l-ħin ta' l-iskola (għall-għalliema) |
| | 19 | Vaganza pubblika |
| | 20-30 | Eżerċizzji tar-Randan |
| | 21 | Laqgħa għall-ġenituri – studenti tal-Form 2 - *Junior Lyceum* |
| Mar | 23 | Laqgħa għall-ġenituri – studenti tal-Form 2 – Sekondarja |
| | 30 | Jum id-Duluri |
| | 31 | Vaganza Nazzjonali |

**April 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Apr | 4-11 | Vaganzi ta' l-Għid il-Kbir |
| | 25 | Jum il-Premjazzjoni |

**Mejju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mejju | 1 | Vaganza pubblika |
| | 2 | Laqgħa għall-ġenituri ta' l-isrudenti tar-raba' sena |
| | 3 | Sports Fest |
| | 7-11 | Eżamijiet tad-dħul għall-Junior Lyceum |
| | 16 | Seminar għall-istudenti tar-raba' sena |
| | 22 | Laqgħa ta' l-SDP wara l-ħin ta' l-iskola (għall-għalliema) |
| | 28 | Seminar ta' Ġurnata – Għeluq ta' l-SDP (għall-għalliema) |

**Ġunju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Ġunju | 1 | Bidu tan-nofs ta' nhari |
| | 7 | Vaganza Nazzjonali |
| | 13-15 | Eżamijiet annwali orali |
| | 18-28 | Eżamijiet annwali tal-kitba |
| | 29 | Vaganza pubblika |

**Lulju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Lul | 9-11 | INSET (għall-għalliema) |
| | 12 | Bidu tal-vaganzi tas-sajf |

*Dan il-kalendarju jkollu aġġornamenti f'kull ħarġa*